MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru. 1445/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Jeoffrey Grech ta’ 26 sena, bin Lawrence u Rita nee’ Sciberras, imwieled Pieta’, fit-13 ta’ Marzu 1981 u joqghod fil-fond numru 43, Triq San Lawrenz, il-Birgu u detentur tal-karta ta’l-identita’ 0158881(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jeoffrey Grech talli nhar is-17 ta’ Lulju 2007 u fil-granet u ix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin f’hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta’l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

A. Billi akkuzat talli nhar il-14 ta' Luju 2007, ghal habta ta' nofsinhar, ikkometta is-serq ta' tlett cilindri tal-gass minn residenza li tinsab fil-fond Flat numru 12, Blokk nurmu 12, bieb nru. 16, Triq il-Gardenja, Santa Lucia, ghad-dannu ta' Richard Marmara minn Santa Lucia u persuni ohra.

B. U aktar akkuzat talli, fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsara volontarja, liema hsara teccedi l-Lm10 izda mhux izjed minn Lm50, ghad-detriment ta' Richard Marmara minn Santa Lcia u persuni ohra.

C. U aktar talli fl-14 ta' Lulju 2007, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhhom jew imexxihom.

D. Akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta' Lulju 2007, ghal habta tal-11:30 ta' fil-ghodu, filwaqt li kien fi Triq Sant'Elija, gewwa l-Fgura, ikkometta serq ta' cilindru tal-gass ghad-dannu ta' Louise Attard mill-Fgura.

E. U aktar talli nhar is-17 ta' Lulju 2007, xjentement , laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement b'kull mod , indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

F. Akkuzat ukoll talli fl-ewwel gimgha ta' Lulju 2007, ghal habta ta' bejn il-11:00 u il-11:30 ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq Mater Boni Consiglii, l-Fgura, ikkometta is-serq ta' tlett cilindri tal-gass ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

G. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-9 ta’ Jannar 2007 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’diversi serqiet ta’ cilindri tal-gass mill-akwati ta’ Rahal il-Gdid, il-Fgura u Santa Lucija. Illi l-proskuzzjoni qed issejjes dawn l-akkuzi fil-konfront ta’l-imputat abbazi ta’ ammissjoni maghmula mill-imputat stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet, kif ukoll ammissjoni ohra maghmula mill-imputat lil PS72, Bernard Galea ghar-rigward ta’ serqa wahda minnhom u cioe’ dik ta’ Santa Lucia. Il-parti leza u cioe’ zewg persuni li ukoll xehdu f’dawn il-proceduri, Richard Marmara u Louise Attard, ma ghandhom l-ebda indizju jew hjiel dwar minn seta’ kien il-halliel, peress illi huma ma kenux prezenti meta dawn ic-cilindri insterqu. Jidher illi l-pulizija waslu ghal persuna ta’ l-imputat abbazi ta’ informazzjoni li hija irceviet. L-informazzjoni kienet fis-sens illi kien hemm iktar minn persuna wahda involuta li kienu qeghdin iduru b’vettura tal-ghamla Audi mudell 80 li kellha in-numru ta’ registrazzjoni EAL274. Din il-vettura tidher illi kienet irregistrata fuq isem certu Lawrence Grech li huwa missier l-imputat u li kienet pero tintuza mill-imputat. Kien ghalhekk abbazi ta’ dina l-informazzjoni illi l-puliizja interrogaw lill-imputat (ara xhieda Spettur Jesmond Borg a fol.9 et.seq.), meta imbaghad l-imputat ammetta l-involviment tieghu f’dawn it-tlett serqiet li illum jinsab akkuzat bihom.

Illi ghalkemm l-imputat jammetti mal-pulizija, fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghhom l-involviment tieghu, madanakollu meta huwa gie sabiex jaghti ix-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti, l-imputat innegga l-involviment tieghu f’dawn ir-reati u jsostni illi fil-verita kien huh Joseph Grech li ikkometta dawn is-serqiet u illi huwa

ghalhekk kien "issagrifika" ruhu ghal huh sabiex ma jittiehdux proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Id-difiza fil-fatt tressaq lil Joseph Grech bhala xhud li jammetti b'mod inkondizzjonat quddiem il-Qorti, wara li gie debitament imwissi, illi kien huwa li seraq dawna ic-cilindri u mhux huh.

Illi l-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen lill-imputat u lil huh f'dina l-verzjoni "gdida" li huma qeghdin iressqu sabiex l-imputat jigi skolpat minn kull htija f'dina il-kawza. Dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet.

1. L-imputat ighid illi huwa ma kien involut fl-ebda mod f'dawn is-serqiet u ighid illi huwa qatt ma qabad cilindru tal-gass b'idejh, izda imbaghad fl-istqarrija rilaxxjata lil pulizija (Dokument JG4 a fol.14 et.seq), huwa jaghti dettalji precizi dwar it-tlett serqiet bid-dati, il-hin, il-post u ic-cirkostanzi dwar il-kummissjoni ta' kull reat. Mhux biss hekk, izda huwa ukoll jaghti dettalji dwar x'ghamel b'dawn ic-cilindri tal-gass, lil min bieghhom u ghal liema prezz. Huwa ghalhekk kemmxejn inverosimili illi persuna li ma tkunx involuta, tkun kapaci taghti deskrizzjoni mill-iktar preciza dwar dak illi kien sehh, meta hija ma kenitx prezenti! Illi mix-xhieda ta'l-imputat u huh, jidher car illi qabel ma gie interrogat mill-pulizija, ma jidhirx illi l-imputat iddiskuta dina l-kwistjoni ma huh, u allura lanqas seta' kien huh li tah dawna id-dettalji li imbaghad l-imputat irrakonta lill-pulizija.

2. Illi Joseph Grech, hu l-imputat, ighid fil-kors tax-xhieda tieghu illi huwa kien ha il-karozza ta' huh, waqt li huh kien ghax-xoghol. "Nghid illi jiena qatt ma kont hadt il-karozza ta' hija. Nghid illi jiena kont hadt il-karozza ta' hija f'dak ix-xahar meta hu kien ikun xoghol. Hija dak iz-zmien kien jahdem ma tas-suffetti." Wiehed jistaqsi, 'il ghala l-imputat ma isemmi xejn fil-kors tax-xhieda tieghu dwar il-fatt illi fil-granet u l-hinijiet li sehhew dawna is-serqiet, huwa ma setax ikun involut ghax kien qieghed xoghol! 'Il ghala l-imputa ma iressaqx l-icken prova dwar dana il-fatt u cioe' illi f'dan ix-xahar partikolari ta' Lulju 2007, huwa kien qed jahdem ma' tas-suffitti? Dina kienet certament tkun favur it-tezi tieghu! L-imputat fil-kors tax-xhieda

tieghu ma isemmi xejn minn dana kollu, anzi ighid illi huwa kellu il-vizzju li jislef il-karozza tieghu lil huh. (ara xhieda a fol.34)

3. Illi ghalkemm l-imputat ighid illi “jiena qatt ma messejt cilindru tal-gass b’idejja”, izda fl-istess hin ighid illi huwa jaf fejn ikunu id-distributuri tac-cilindri u jaf ukoll kemm jiswew dawn ic-cilindri! Kien ghalhekk illi indika il-prezzijiet u l-postijiet ta’ Birzebbugia u Bormla (precisament taht il-mina!). Imbaghad ighid illi ghar-rigward tad-distributur ta’ Birzebbugia, dana gie suggerit lilu mill-Ispettur Borg waqt l-interrogatorju u huwa qabel mieghu u iktar tard in ri-ezami isostni illi semma dawn id-diversi postijiet ghaliex jara diversi distributuri gewwa dawn il-lokalitajiet! (ara fols.35 u 36) Kontradizzjoni wara l-ohra!

4. Fix-xhieda tieghu, imbaghad Joseph Grech, hu l-imputat jammetti illi huwa biegh xi cilcindri lil xi distributur gewwa Bormla, izda ighid illi lejn Birzebbugia qatt ma nizel. Wiehed jistaqsi, allura kif seta’ l-imputat ikun jaf b’dina il-lokalita’ u proprju fl-istqarrija tieghu ighid illi biegh xi cilindri lil xi distributur f’dina l-lokalita’!

5. Illi finalment meta mehud mis-surgent Bernard Galea fil-lokalita’ ta’ Santa Lucija fejn sehhet wahda minn dawn is-serqiet, jidher illi l-imputat mal-ewwel gharaf dina l-lokalita, ammetta mas-surgent l-involviment tieghu tant illi sahansitra indikalu il-post minn fejn kien seraq ic-cilidnri tal-gas. Fil-fatt mas-surgent Galea, l-imputat ammetta illi huwa kellu problema tad-droga u li kien qieghed jaghmel dana proprju sabiex huwa ikun jista’ jixtri dina id-droga.

Il-Qorti ghalhekk abbazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet tqies illi x-xhieda moghtija mill-imputat fil-kors ta’ dawn il-proceduri hija ghal kollox inverosimili u temmen minghajr l-ebda dubbju illi l-imputat kien involut f’dawn is-serqiet jekk mhux bhala awtur ta’ dawn id-delitti certament bhala komplici ma’ huh Joseph Grech. Fil-fatt mill-informazzjoni

li wasslet lill-pulizija jirrizulta illi kien hemm iktar minn persuna wahda involuta f'dawna is-serqiet.

Illi apparti l-akkuzi dwar serq, l-imputat jinsab ukoll akkuzat b'ricettazzjoni, kif ukoll bi hsara volontarja. Illi ghar-rigward ta'l-ewwel u it-tieni akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat u cioe' l-akkuza tas-serq u l-akkuza tal-hsara volontarja, hawnhekk si tratta ta' reat li serva bhala mezz ghall-kummissjoni ta' reat iheor u allura hawnhekk si tratta ta' konkors materjali ta' reati kif previst fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9. Illi ghalhekk ghalkemm ma hemmx prova fl-atti processwali tal-*quantum* tal-hsara involuta f'dana il-kaz allura l-Qorti ma hijiex ser tidhol sabiex tippronunjza ruhha f'dana ir-rigward abbazi ta' dak illi inghad u cioe' abbazi tal-fatt illi l-Qorti sejra tghaddi biex tapplika l-artikolu 17(h) u ghalhekk il-piena li ser tigi inflitta ser tkun dak ghar-reat l-iktar gravi biss.

Illi finalment ghar-rigward ta'l-akkuzi dwar ricettazzjoni jidher illi dawna inghataw bhala kapi alternattivi ghar-reati tas-serq u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat min dawn il-kapi ta'l-akkuza.

Illi dwar il-piena, ghandu jinghad illi ghalkemm l-imputat jidher illi huwa *first time offender* peress illi l-fedina penali tieghu hija wahda netta, madanakollu l-imputat biddel il-verzjoni tieghu meta xehed quddiem il-Qorti tant illi ikkrea storja gdida differenti minn dak illi kien stqarr mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet taghha. Maghdud dana kollu, izda, jidher illi l-imputat ghandu problema ta' droga u qieghed jipprova johrog minnha, tant illi huwa isostni illi illum huwa fieq kompletament u allura il-Qorti thoss illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idoneja f'dana il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 31, 261(b) u (e), 263, 269, 278(2), 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, tielet, hames u is-sebgha akkuzi migjuba fil-konfront tigehu, issibu hati ta'l-ewwel, ir-raba' u s-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni

ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------